

31995L0048

30.9.1995

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 233/73

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 95/48/KE**ta' l-20 ta' Settembru 1995****li taddatta għal progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill 92/21/KEE dwar il-masses u d-dimensjonijiet ta' vetturi bil-mutur tal-kategorija M₁****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

L-Artikolu 1

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom⁽¹⁾, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 93/81/KEE⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13(2) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/21/KEE tal-31 ta' Marzu 1992⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Billi d-Direttiva 92/21/KEE hija waħda mid-Direttivi separati tal-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip tal-KEE li ġiet stabbilita bid-Direttiva 70/156/KEE; billi, konsegwentement, id-dispożizzjonijiet stipulati fid-Direttiva 70/156/KEE li jirrelataw għas-sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati tal-vetturi japplikaw għal din id-Direttiva;

Billi hija magħmula riferenza għad-Direttiva tal-Kunsill 77/649/KEE⁽⁴⁾, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 90/960/KEE⁽⁵⁾, li tikkontjeni l-proċedura sabiex jiġi determinat punt ta' riferenza għall-pożizzjonijiet tas-sedili fil-vetturi bil-mutur u, konsegwentement, m'huwiex meħtieġ li tiġi ripetuta f'din id-Direttiva; billi hija magħmula riferenza wkoll għad-Direttiva tal-Kunsill 92/23/KEE⁽⁶⁾;

Billi, fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba sa issa bl-applikazzjoni Prattika tad-Direttiva 92/21/KEE, huwa meħtieġ li jiġu speċifikati b'mod aktar preċiż ċerti dispożizzjonijiet li jinsabu fiha sabiex tiġi żgurata interpretazzjoni uniformi fl-Istati Membri kollha;

Billi sjkun meħtieġ fil-futur li jiġu stabbiliti ċerti kundizzjonijiet ta' tagħbija għas-sedili li m'huwiex iddisinjati għal, jew kapaċi li, jakkommodaw passiġġieri adulti; billi, iżda, id-definizzjoni ta' dawn is-sedili u l-ispeċifikazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' tagħbija jeħtieġu aktar konsiderazzjoni; billi, għalhekk, l-emendi korrispondenti għandhom jiġu postposti għal data aktar tard;

Billi d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva huma b'mod konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat għall-Adattazzjoni għall-Progress Tekniku stabbilit bid-Direttiva 70/156/KEE;

1. Fl-Artikolu 1 mad-Direttiva 92/21/KEE, 'L-Anness I mad-Direttiva 70/156/KEE' għandu jinbidel b' 'L-Anness II A mad-Direttiva 70/156/KEE'.

2. L-Annessi mad-Direttiva 92/21/KEE għandhom jinbidlu bl-Annessi ma' din id-Direttiva u lista ta' l-Annessi għandha tiddaħħal bejn l-Artikoli u l-Anness I.

L-Artikolu 2

1 B'effett mill-1 ta' Jannar 1996 l-Istati Membri ma jistgħux, għal raġunijiet li jirrelataw mal-masses u dimensjonijiet:

— jirrifjutaw, fir-rigward ta' vettura bil-mutur tal-kategorija M₁, li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE jew approvazzjoni tat-tip nazzjonali, jew

— jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, l-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' dawn il-vetturi,

jekk il-vetturi jikkonformaw mal-ħtiġiet tad-Direttiva 92/21/KEE, kif emendata b'din id-Direttiva.

2 B'effett mill-1 ta' Jannar 1997 l-Istati Membri:

— m'għandhomx aktar jagħtu l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE, u

— jistgħu jirrifjutaw li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali,

għal tip ta' vettura tal-kategorija M₁ għal raġunijiet li jirrelataw għall-masses u dimensjonijiet tagħha, jekk il-ħtiġiet tad-Direttiva 92/21/KEE, kif emendata b'din id-Direttiva, m'huwiex sodisfatti.

L-Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva qabel l-1 ta' Jannar 1996 u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni minnufih b'dan.

2. Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, għandhom jikkontjenu riferenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn din ir-riferenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir din ir-riferenza għandhom jiġu stipulati mill-Istati Membri.

⁽¹⁾ ĠU L 42, tat-23.2.1970, p. 1

⁽²⁾ ĠU L 264, tat-23.10.1993, p. 49

⁽³⁾ ĠU L 129, ta' l-14.5.1992, p. 1

⁽⁴⁾ ĠU L 267, tad-19.10.1977, p. 1

⁽⁵⁾ ĠU L 341, tas-6.12.1990, p. 20

⁽⁶⁾ ĠU L 129, ta' l-14.5.1992, p. 95

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-kamp regolat minn din id-Direttiva.

Magħmula fi Brussel, l-20 ta' Settembru, 1995.

L-Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum ta' wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

L-Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Għall-Kummissjoni

Martin BANGEMANN

Membru tal-Kummissjoni

LISTA TA' L-ANNESSI

L-Anness I: Dispożizzjonijiet Amministrattivi għall-approvazzjoni tat-tip

Appendiċi 1: Dokument ta' informazzjoni

Appendiċi 2: Approvazzjoni tat-tip tal-KEE

L-Anness II: Kamp ta' applikazzjoni, definizzjonijiet, ħtiġiet

Appendiċi: Metodu sabiex jiġu verifikati l-masses u t-tagħbijiet fuq il-fus ta' vetturi bil-mutur tal-kategorija M₁

L-ANNEX I

DISPOSIZZJONIJET AMMINISTRATTIVI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP

1. **Applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' tip ta' vettura**
 - 1.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-KEE skond l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 70/156/KEE ta' tip ta' vettura tal-kategorija M₁ fir-rigward għall-masses u dimensjonijiet tagħha għandha tiġi sottomessaa mill-manifattur.
 - 1.2. Mudell tad-dokument ta' informazzjoni huwa mogħti fl-Appendiċi 1.
 - 1.3. Dan li ġej għandu jiġi sottomess lis-servizz tekniku responsabbli mit-twettieq tat-testijiet ta' approvazzjoni tat-tip:
 - 1.3.1. vettura rappreżentattiva tat-tip li għandu jiġi approvat.
2. **Għoti ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE għal tip ta' vettura**
 - 2.1. Jekk jiġu sodisfatti l-ħtiġiet rilevanti, l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE skond l-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 70/156/KEE għandha tingħata.
 - 2.2. Mudell taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE huwa mogħti fl-Appendiċi 2.
 - 2.3. Numru ta' approvazzjoni b'mod konformi ma' l-Anness VII mad-Direttiva 70/156/KEE għandu jiġi assenjat lil kull tip ta' vettura approvat. L-istess Stat Membru m'għandux jassenja l-istess numru lil tip ieħor ta' vettura.
3. **Modifikazzjonijiet tat-tip u emendi lill-approvazzjonijiet**
 - 3.1. Fil-każ ta' modifikazzjonijiet tat-tip approvat skond din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 tad-Direttiva 70/156/KEE.
4. **Konformità tal-produzzjoni**
 - 4.1. Bħala regola ġenerali, miżuri biex jiżguraw il-konformità tal-produzzjoni għandhom jittieħdu skond id-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 70/156/KEE.

Appendiċi 1

DOKUMENT TA' INFORMAZZJONI ⁽¹⁾ Nru.....

skond l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE li tirrelata ma' l-approvazzjoni tat-tip KEE għal vettura fir-rigward tal- lill-masses u dimensjonijiet (Direttiva 92/21/KEE, kif emendat a l-aħħar bid-Direttiva 95/48/KE)

L-informazzjoni li ġejja, jekk tkun applikabbli, għandha tingħata fi tliet kopji u tinkludi werrej. Kwalunkwe disinnji għandhom jingħataw fi skala adatta u f'dettal suffiċjenti fuq karti ta' qies A4 jew ġo folder ta' format A4. Ir-ritratti, jekk ikun hemm, għandhom juru dettal suffiċjenti.

Jekk is-sistemi, il-komponenti jew il-unitajiet tekniċi separati jkollhom kontrolli elettroniċi, għandha tingħata informazzjoni dwar il-prestazzjoni tagħhom.

0. Ġenerali

- 0.1. Għamla (isem kummerċjali tal-manifattur):
- 0.2. Tip u deskrizzjoni(ijiet) kummerċjali ġenerali:
- 0.3. Mezz ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk immarkat fuq il-vettura ^(b):
- 0.3.1. Lok ta' dak l-immarkar:
- 0.4. Kategorija ta' vettura ^(c):
- 0.5. Isem u indirizz tal-manifattur:
- 0.6. Lok ta' pjanċi u skrizzjonijiet regolamentari u metodu ta' twaħħil
- 0.6.1. Fuq ix-chassis:
- 0.6.2. Fuq il-karozzerija:
- 0.8. Indirizz(i) ta' impjant(i) ta' fejn isir l-assemblaġġ:

1. Karatteristiċi ġenerali tal-kostruzzjoni tal-vettura

- 1.1. Ritratti u/jew disinni ta' vettura rappreżentattiva:
- 1.2. Disinn dimensjonali tal-vettura sħiħa:
- 1.3. Numru ta' fusijiet u roti:
- 1.3.2. Numru u pożizzjoni ta' fusijiet li jdur ma' l-isteering:
- 1.3.3. Fusijiet li jdur mal-makna (numru, pożizzjoni, interkonnessjoni):
- 1.6. Pożizzjoni u arranġament tal-makna:

2. Masses u dimensjonijiet ^(d) (f'kg u mm)

(fejn applikabbli, irreferi għad-disinn)

- 2.1. Tul(ijiet) ta' bejn ir-roti (b'tagħbija sħiħa) ^(e):
- 2.3. Track(s) u wisgħa(t) tal-fus
- 2.3.1. Track ta' kull fus li jdur ma' l-isteering ^(f):
- 2.3.2. Track tal-fusijiet l-oħra kollha ^(g):
- 2.4. Medda ta' dimensjonijiet ta' vettura (globalment)
- 2.4.1. Għal chassis mingħajr karozzerija
- 2.4.1.1. Tul ^(h):
- 2.4.1.2. Wisgħa ⁽ⁱ⁾:
- 2.4.1.2.1. Wisgħa massesma:

⁽¹⁾ In-numri tal-punti u tan-bnoti ta' qiegħ il-paġna wżati f'dan id-dokument ta' l-informazzjoni jikkorrispondu għal dawk stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 70/156/KEE. Il-punti li mhumiex rilevanti għall-iskop ta' din id-Direttiva tħallew barra.

- 2.4.1.3. Għoli (mingħajr tagħbija) ^(f) (għal sistemi ta' suspensjoni li jistgħu jiġu aġġustati għall-għoli, indika l-pożizzjoni normali):
- 2.4.1.4. Kemm jisporġi fuq quddiem ^(m):
- 2.4.1.5. Kemm jisporġi fuq wara ⁽ⁿ⁾:
- 2.4.1.5.2. Kemm jisporġi l-massimu permissibbli tal-punt ta' gganċjar ^(nd):
- 2.4.1.6. Għoli mill-art (kif definit fil-punt 4.5 tas-Sezzjoni A ta' l-Anness II lid-Direttiva 70/156/KEE)
- 2.4.1.6.1. Bejn il-fusijiet:
- 2.4.2. Għal chassis bil-karozzerija
- 2.4.2.1. Tul ^(f):
- 2.4.2.2. Wisgħa ^(g):
- 2.4.2.3. Għoli (mingħajr tagħbija) ^(f) (għal sistemi ta' suspensjoni li jistgħu jiġu aġġustati għall-għoli, indika l-pożizzjoni normali):
- 2.4.2.4. Kemm jisporġi fuq quddiem ^(m):
- 2.4.2.5. Kemm jisporġi fuq wara ⁽ⁿ⁾:
- 2.4.2.5.2. Kemm jisporġi l-massimu permissibbli tal-punt ta' gganċjar ^(nd):
- 2.4.2.6. Għoli mill-art (kif definit fil-punt 4.5 tas-Sezzjoni A ta' l-Anness II lid-Direttiva 70/156/KEE)
- 2.4.2.6.1. Bejn il-fusijiet:
- 2.6. Massa tal-vettura bil-karozzerija f'kundizzjoni ta' sewqan, jew massa tax-chassis bil-kabina jekk il-manifatur ma jwaxx il-karozzerija (li jinkludi l-likwidu tat-tkessiġ, żjut, karburant, għodda, rota spare u sewwieq) ^(o) (massimu u minimu):
- 2.6.1. Distribuzzjoni ta' din il-massa fost il-fusijiet u, fil-każ ta' semi-karru jew karru bil-fus fin-nofs, it-tagħbija fuq il-punt ta' gganċjar (massimu u minimu):
- 2.8. Massa mogħbija massesma teknikament permissibbli dikjarata mill-manifattur (massimu u minimu) ^(p):
- 2.8.1. Distribuzzjoni ta' din il-massa fost il-fusijiet u, fil-każ ta' semi-karru jew karru bil-fus fin-nofs, it-tagħbija fuq il-punt ta' gganċjar (massimu u minimu):
- 2.9. Tagħbija massesma teknikament permissibbli fuq kull fus/grupp ta' fusijiet, u fil-każ ta' semi-karru jew karru bil-fus fin-nofs, it-tagħbija fuq il-punt ta' gganċjar, mistqarr mill-manifattur:
- 2.11. Massa massesma tal-karru li jista' jiġi gganċjat
- 2.11.1. Karru sħiħ:
- 2.11.3. Karru bil-fus fin-nofs:
- 2.11.4. Massa massesma teknikament permessa tal-kombinazzjoni:
- 2.11.6. Massa massesma ta' karru mingħajr brejkijiet:
- 2.12. Tagħbija massa vertikali statika fuq il-punt ta' gganċjar tal-vettura ta' rmonk għal karru:
9. **Karozzerija**
- 9.10.3. Sedili:
- 9.10.3.1. Numru:
- 9.17. Pjanċi regolamentari
- 9.17.1. Ritratti u/jew disinni li juru l-lok tal-pjanċi u skrizzjonijiet regolamentari u n-numru tax-chassis:
- 9.17.2. Ritratti u/jew disinni tal-parti uffiċjali tal-pjanċi u skrizzjonijiet (eżempju komplut bid-dimensjonijiet): . .

11. **Konnessjonijiet bejn il-vetturi ta' rmonk u karrijiet u semi-karrijiet**
- 11.1. Klassi u tip tal-mezzi ta' gganċjar:
- 11.4. Istruzzjonijiet ta' twaħħil tat-tip ta' ganċ mal-vettura u ritratti jew disinni tal-punti ta' twaħħil fuq il-vettura mogħti mill-manifattur; informazzjoni addizzjonali, jekk l-użu tat-tip ta' ganċ huwa ristrett għal ċerti varjanti jew verżjonijiet tat-tip ta' vettura:
- 11.5. Informazzjoni dwar it-twaħħil ta' saljaturi ta' l-irmonk speċjali jew pjanċi ta' montaġġ ⁽¹⁾:

Informazzjoni addizzjonali fil-każ ta' vetturi off-road

- 2.4.1. Għal chassis mingħajr karożzerija
- 2.4.1.4.1. Angolu ta' avviċinament ^(na): gradi
- 2.4.1.5.1. Angolu ta' tluq ^(nb): gradi
- 2.4.1.6. Għoli mill-art (kif definit fil-punt 4.5 tas-Sezzjoni A ta' l-Anness II lid-Direttiva 70/156/KEE)
- 2.4.1.6.2. Taħt il-fus(ijiet) ta' quddiem:
- 2.4.1.6.3. Taħt il-fus(ijiet) ta' wara:
- 2.4.1.7. Angolu tar-rampa ^(nc): gradi
- 2.4.2. Għal chassis bil-karożzerija
- 2.4.2.4.1. Angolu ta' avviċinament ^(na): gradi
- 2.4.2.5.1. Angolu ta' tluq ^(nb): gradi
- 2.4.2.6. Għoli mill-art (kif definit fil-punt 4.5 tas-Sezzjoni A ta' l-Anness II lid-Direttiva 70/156/KEE)
- 2.4.2.6.2. Taħt il-fus(ijiet) ta' quddiem:
- 2.4.2.6.3. Taħt il-fus(ijiet) ta' wara:
- 2.4.2.7. Angolu tar-rampa ^(nc): gradi
- 2.15. Abiltà ta' sewqan minn wieqaf fuq telgħa (vettura waħedha): %
- 4.9. Lokk tad-differential: iva/le/fakoltattiv ⁽¹⁾

⁽¹⁾ Ħassar fejn mhux applikabbli.

Appendiċi 2

MUDELL

(format massimu: A4 (210 × 297 mm))

Approvazzjoni tat-tip tal-KEE

Timbru tal amministrazzjoni

Komunikazzjoni li tikkonċerna:

- l-approvazzjoni tat-tip ⁽¹⁾,
- l-estensjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip ⁽²⁾,
- ċ-ċaħda ta' l-approvazzjoni tat-tip ⁽²⁾,
- l-irtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip ⁽²⁾,

ta' tip ta' vettura/komponent/unità teknika separata ⁽²⁾ fir-rigward tad-Direttiva ... / ... /KE, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva ... / ... /KE.

Numru ta' approvazzjoni tat-tip:

Raġuni għall-estensjoni:

Sezzjoni I

- 0.1. Għamla (isem kummerċjali tal-manifattur):
- 0.2. Tip u deskirzzjoni(ijiet) kummerċjali ġenerali:
- 0.3. Mezz ta' identifikazzjoni tat-tip jekk immarkat fuq il-vettura/komponent/unità teknika separata ⁽¹⁾ ⁽²⁾:
- 0.3.1. Lok ta' dak l-immarkar:
- 0.4. Kategorija ta' vettura ⁽³⁾:
- 0.5. Isem u indirizz tal-manifattur:
- 0.7. Fil-każ ta' komponenti u unitajiet tekniċi separati, il-lok u l-metodu tat-twaħħil tal-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE:
- 0.8. Indirizz(i) ta' impjant(i) ta' fejn isir l-assemblaġġ:

Sezzjoni II

1. Informazzjoni addizzjonali (fejn applikabbli): Ara Addendum
2. Servizz tekniku responsabbli mit-twettieq tat-testijiet:
3. Data tar-rapport tat-test:
4. Numru tar-rapport tat-test:
5. Rimarki (jekk hemm): Ara Addendum
6. Post:
7. Data:
8. Firma:
9. L-indiċi għall-pakkett ta' l-informazzjoni ippreżentat lill-awtorità ta' l-approvazzjoni, li jista' jinkiseb fuq talba, huwa meħmuż.

⁽¹⁾ Ħassar fejn mhux applikabbli.⁽²⁾ Jekk il- mod ta' identifikazzjoni tat-tip tinkludi karattri m'humiex relevanti li jiddeskrivu il-vettura.⁽³⁾ Determinat skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Anness II A lid-Direttiva 70/156/ŻEE

Addendum**għaċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE Nru...****li jikkonċerna l-approvazzjoni tat-tip ta' vettura fir-rigward tad-Direttiva 92/21/KEE, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 95/48/KE****1. Informazzjoni addizzjonali**

- 1.1. Tul: (mm)
- 1.2. Wisgħa: (mm)
- 1.3. Għoli: (mm)
- 1.4. Massa tal-vettura f'kundizzjoni ta' sewqan: (kg)
- 1.5. Massa massesma teknikament permessa: (kg)
- 1.6. Tagħbijiet tal-fus massesmi teknikament permessi:
 - 1.6.1. 1. Fus (kg)
 - 2. Fus: (kg)
 - 3. Fus: (kg)
- 1.7. Numru ta' sedili tal-passiġġieri (mingħajr is-sewwieq):
- 1.7.1. Numru ta' sedili li jintwew, jekk applikabbli:
- 1.8. Massa li tista' tiġi rmonkata
 - 1.8.1. Karru mingħajr brejk tas-servizz: (kg)
 - 1.8.2. Karru bil-brejk tas-servizz: (kg)
 - 1.8.3. Tagħbija vertikali teknikament permissibbli fuq il-punt ta' gganċjar: (kg)
 - 1.8.4. Kemm jisporġi fuq wara il-mezz ta' gganċjar: (mm)
 - 1.8.5. Ritratti jew disinni tal-punti ta' mmuntaġġ tal-mezz ta' gganċjar fuq il-vettura:

5. Rimarki

L-ANNESS II

KAMP TA' APPLIKAZZJONI, DEFINIZZJONIJIET, ĦTIĠIET

1. **Kamp ta' applikazzjoni**

Din id-Direttiva tapplika għall-masses u dimensjonijiet ta' vetturi bil-mutur fil-kategorija M₁ kif definit fl-Artikolu 1.

2. **Definizzjonijiet**

- 2.1. Id-definizzjonijiet pertinenti kif stipulati fl-Anness I (li jinkludi n-notamenti ta' taħt) u fl-Anness II lid-Direttiva 70/156/KEE japplikaw għal din id-Direttiva wkoll.
- 2.2. 'Massa tat-tagħbija konvenzjonali' tfisser massa ta' 75 kg multiplikata bin-numru ta' pożizzjonijiet tas-sedili tal-passiġġieri (li jinkludu s-sedili li jintwew (*tip-up*)) iddisinjati mill-manifattur.
- 2.3. 'Massa tat-tagħbija feċċess' ifisser id-differenza bejn il-massa massesma mgħobbija teknikament permissibbli f'ordni tal-ħidma miżjuda mal-massa tat-tagħbija konvenzjonali. Il-massa ta' tagħbija feċċess jista' jinkludi l-massa ta' tagħmir fakoltattiv, e.g. tieqa fis-saqaf, arja kkundizzjonata, mezz ta' gganċjar.
- 2.4. 'Massa tal-mezz ta' gganċjar' ifisser il-massa tal-ganċ innifsu u tat-tagħmir ta' twaħħil tiegħu kif speċifikat mill-manifattur tal-vettura.
- 2.5. 'Tagħbija vertikali statika massima fuq il-punt ta' gganċjar' tal-vettura ifisser it-tagħbija vertikali massesma permissibbli trasmessa, meta l-vettura tkun wieqfa, mid-*drawbar* tal-karru mal-ganċ tal-vettura u li jgħaddi permezz taċ-ċentru tal-mezz ta' gganċjar. Din it-tagħbija għandha tkun speċifikata mill-manifattur.
- 2.6. 'Massa li tista' tiġi rmonkata' tfisser il-massa tal-karru rmunkat li teskludi t-tagħbija vertikali fuq il-punt ta' gganċjar tal-vettura li qed tirmonka.
- 2.7. 'Sedil li jintewa (*tip-up*)' ifisser sedil awżiljarju maħsub għall-użu okkażjonali u li normalment jintewa sabiex jitwarrab.

3. **Ħtiġiet**

- 3.1. Dimensjonijiet
 - 3.1.1. Id-dimensjonijiet massesmi awtorizzati ta' vettura huma kif ġej:
 - 3.1.1.1. Tul: 12 000 mm
 - 3.1.1.2. Wisgħa: 2 500 mm
 - 3.1.1.3. Għoli: 4 000 mm
 - 3.2. Masses u tagħbijiet tal-fus
 - 3.2.1. Is-somma tat-tagħbijiet fuq il-fus massesmi teknikament permissibbli ma għandhiex tkun anqas mill-massa mgħobbija massesma teknikament permissibbli tal-vettura.

Il-massa massesma teknikament permissibbli tal-vettura ma għandhiex tkun anqas mill-massa tal-vettura f'kundizzjoni ta' sewqan b'żieda tal-massa tat-tagħbija konvenzjonali.

Meta l-vettura tkun mgħobbija sal-massa mgħobbija massesma teknikament permissibbli b'mod konformi ma' l-punti 3.2.2 u 3.2.3, it-tagħbija fuq kull fus ma għandhiex tkun aktar mit-tagħbija massesma teknikament permissibbli fuq dak il-fus.

Fejn il-vettura u, fl-istess ħin, il-fus ta' wara huma mgħobbija sal-massa massesma teknikament permissibbli, il-massa fuq il-fus ta' quddiem ma għandhiex tkun anqas minn 30 % tal-massa massesma teknikament permissibbli tal-vettura.
 - 3.2.2. Għall-verifikazzjoni tal-ħtiġiet, stipulati fit-tielet paragrafu tal-punti 3.2.1 il-masses tal-passiġġieri, tal-valiġġi u tat-tagħbija feċċess tat-tagħbija konvenzjonali għandhom ikunu pożizzjonati kif preskritt fl-Appendiċi. Il-metodu ta' verifika tal-masses huwa deskritt fl-Appendiċi. Fil-każi fejn vettura hija magħmmra b'sedili li jistgħu jitneħħew, il-proċedura ta' verifikazzjoni għandha tkun limitata għall-kundizzjoni bin-numru massimu ta' sedili stallati.

- 3.2.3. Jekk il-vettura hija maħsuba sabiex tirmonka karru, għandhom isiru żewġ verifikazzjonijiet addizzjonali b'mod konformi ma' l-punti 3.2.1, it-tielet paragrafu, u l-punt 3.2.2:
- (a) jinkludi l-massa massesma tal-mezz ta' gganċjar; u
 - (b) jinkludi sew il-massa massesma tal-mezz ta' gganċjar u sew il-massa tat-tagħbija vertikali statika massesma fuq il-punt ta' gganċjar. Għall-iskop ta' din l-aħħar verifika:
- 3.2.3.1. It-tagħbija massesma teknikament permissibbli fuq il-fus(ijiet) ta' wara tista tinqabeż b'mhux aktar minn 15 %, u l-massa mgħobbija massesma teknikament permissibbli tal-vettura tista tinqabeż b'mhux aktar minn 10 % jew 100 kg, liema valur huwa l-aktar baxx, sabiex japplika għal dan l-użu partikolari biss, sakemm il-veloċità tal-vettura tiġi ristretta għal 100 km/siegħa jew anqas.
- 3.2.3.2. It-tagħbija u massa maqbuża msemminjin hawn fuq m'għandhomx jgħoddu għall-approvazzjonijiet ħlief dawk segwenti għal din id-Direttiva, jekk mistqarr espliċitament fid-Direttiva rispettiva.
- 3.2.3.3. Il-manifattur għandu jistqarr kull restrizzjoni ta' veloċità li saret riferenza għaliha fil-punt 3.2.3.1 jew f'kundizzjonijiet operattivi oħra fil-manwal tas-sid.
- 3.2.4. Jekk il-manifattur tal-vettura jgħammar il-vettura b'mezz ta' gganċjar, għandu jindika fuqu, jew fil-viċinanza tiegħu fuq il-vettura t-tagħbija vertikali statika massesma permessa fuq il-punt ta' gganċjar.
- 3.3. Massa li tista' tiġi rmunkata u tagħbija vertikali statika fuq il-mezz ta' gganċjar.
- 3.3.1. Il-massa massesma teknikament permissibbli li tista tiġi rmunkata hija dik mistqarra mill-manifattur.
- 3.3.1.1. Massa li tista tiġi rmunkata ta' vettura maħsuba li tirmonka karru ffittjat b'sistema ta' brejkijiet. (Għall-għan ta' kalkolazzjoni tal-massa li tista tiġi rmunkata, kull massa massesma teknikament permissibbli ta' vettura mgħobbija maqbuża kif imsemmi fil-punt 3.2.3.1 hawn fuq m'għandux jgħodd.)
- 3.3.1.1.1. Il-massa massesma permissibbli li tista tiġi rmunkata tal-vettura hija l-aktar valur baxx ta' jew:
- (a) il-massa massesma teknikament permissibbli li tista tiġi rmunkata abbażi tal-konstruzzjoni tal-vettura u/jew is-saħħa tal-mezz ta' gganċjar mekkaniku; jew
 - (b) il-massa massesma teknikament permissibbli tal-vettura li tirmonka (vettura bil-mutur), jew, għal vetturi *off-road* kif definit fid-Direttiva 70/156/KEE, darba u nofs dik il-massa.
- 3.3.1.1.2. Iżda, il-massa massesma teknikament permissibbli tal-karru m'għandu fl-ebda każ teċċedi 3 500 kg.
- 3.3.1.2. Massa li tista tiġi rmunkata ta' vettura maħsuba li tirmonka karru mingħajr sistema ta' brejkijiet ta' servizz.
- 3.3.1.2.1. Il-massa permissibbli li tista tiġi rmunkata hija l-aktar waħda baxxa mill-massa massesma teknikament permessa li tista tiġi rmunkata jew nofs il-massa tal-vettura li tirmonka f'kundizzjoni ta' sewqan.
- 3.3.1.2.2. Il-massa massesma teknikament permissibbli tal-karru m'għandha fl-ebda każ teċċedi 750 kg.
- 3.3.2. It-tagħbija vertikali statika teknikament permissibbli fuq il-mezz ta' gganċjar hija dik mistqarra mill-manifattur; din it-tagħbija m'għandiex tkun anqas minn 4 % tal-massa massesma permissibbli li tista tiġi rmunkata u mhux anqas minn 25 kg. Il-manifattur għandu jispeċifika fil-manwal tas-sid t-tagħbija vertikali statika massesma permissibbli fuq il-mezz ta' gganċjar, il-punti ta' mmuntar tal-mezz ta' gganċjar fuq il-vettura bil-mutur u il-massimu li l-mezz ta' gganċjar jista jisporġi.
- 3.3.3. Il-vettura bil-mutur li tirmonka karru għandha tkun kapaċi li tibda tiġbed il-kombinazzjoni tal-vettura – mgħobbija sal-massa massesma tagħha - ħames darbiet f'telgħa b' xaqliba ta' mill-inqas 12 % f'ħames minuti.
- 3.4. In-numru massimu ta' pozzizzjonijiet tas-sedili tal-passiġġieri dikkjarat mill-manifattur m'għandux jiddependi fuq jekk il-vettura qiegħda tirmonka karru jew le.

Appendiċi

Metodu sabiex jiġu verifikati l-masses u t-tagħbijiet fuq il-fus ta' vetturi bil-mutur tal-kategorija M₁

1. Il-massa tal-vettura għandha tiġi verifikata kif ġej:

1.1. vojta, i.e. f'kundizzjoni ta' sewqan kif jidher fil-punt 2.6 ta' l-Appendiċi I, iżda mingħajr is-sewwieq,

Fil-każ ta' karavan bil-mutur il-massa li tikkorrispondu mat-tankijiet tal-ħażna ta' l-ilma heġu u gass mimlijin sa 90 % tal-kapaċità tagħhom għandha tiġi inkluża wkoll.

1.2. mgħobbija sħiħa (fil-kundizzjonijiet imsemmija fil-punti 3.2.1 sa 3.2.3 ta' l-Anness II), permezz ta' kalkulazzjoni, bil-konsiderazzjoni ta' dan li ġej:

— is-sedil, jekk huwa aġġustabbli, għandu b'mod partikolari jiġi mċaqlaq sa l-aktar pożizzjoni lura ta' sewqan jew bil-qegħda normali kif indikat mill-manifattur bil-konsiderazzjoni ta' l-aġġustament lonġitudinali biss tas-sit u li jeskludi pożizzjonijiet oħra wżati oltre minn dak għas-sewqan normali jew seating. Fejn hemm pożizzjonijiet oħra għall-aġġustament tas-sedil (vertikali, angolat, dahar tas-sedil, eċċ.) il-pożizzjonijiet aġġustati għandhom ikunu kif speċifikat mill-manifattur tal-vettura. Fil-każ tas-sedili bis-suspensjoni, is-sedil għandu jiġi msakkar fil-pożizzjonijiet normali tas-sewqan kif speċifikat mill-manifattur,

— il-masses li għandhom jiġu kkunsidrati huma kif ġej:

— massa ta' 68 kg għal kull okkupant (bis-sewwieq inkluż),

— massa ta' 7 kg għal valigġja ta' kull okkupant (bis-sewwieq inkluż),

— il-massa ta' kull okkupant għandha tiġi applikata vertikament minn punt misjub 100 mm quddiem il-punt R⁽¹⁾ fil-każ ta' sedili li jiġu aġġustati lonġitudinalment u 50 mm quddiem il-punt R⁽¹⁾ fil-każ tas-sedili l-oħra kollha. Il-massa tal-valigġja ta' kull okkupant hija rappreżentata b'forza vertikali li tgħaddi minn nofs tal-projezzjoni fuq pjan orizzontali tat-tul utli massimu tal-kompartament tal-valigġji li tinsab fil-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura.

Fil-każ ta' vettura bi skop speċjali il-massa tal-valigġja għandha titqiegħed skond l-ispeċifikazzjoni tal-manifattur bi qbil mas-servizz tekniku,

— kull massa feċċess tal-massa konvenzjonali għandha titqassam skond l-ispeċifikazzjonijiet tal-vettura bi qbil mas-servizz tekniku b'konsiderazzjoni tal-livelli differenti ta' tagħmir u l-masses u lokazzjonijiet ta' dawn,

— Fil-każ ta' karavan bil-mutur, il-massa tat-tagħbija feċċess għandha tkun ugwali għal $(10 \text{ kg} \times N) + (10 \text{ kg} \times L)$, fejn 'L' huwa t-tul totali tal-karavan bil-mutur, u 'N' huwa n-numru ta' passiġġieri inkluż is-sewwieq kif mistqarr mill-manifattur.

Il-massa tat-tagħbija feċċess għandha titqassam skond l-indikazzjoni tal-manifattur bi qbil mas-servizz tekniku, fil-kompartamenti tal-valigġji kollha.

1.3. Il-masses u t-tagħbijiet fuq il-fus speċifikati huma determinati skond it-tabella li ġejja:

Kundizzjonijiet tal-vettura					
	(a)	(b)	(c)	(d)	(e)
Masses u tagħbijiet fuq il-fus	vojta (imkej-jel)	mgħobbija sħiħa ⁽¹⁾ (ik-kalkulat)	mgħobbija shihabit-tagħbija fuq il-mezz ta' gganċjar (ik-kalkulat)	tagħbija massesma permissibbli fuq il-fus	tagħbija massesma permissibbli fuq il-fus bit-tagħbija fuq il-mezz ta' gganċjar
Fus ta' quddiem					
Fus ta' wara					
Total	imkej-jel/ik-kalkulat			↑	↑
				← Dikjarazzjoni tal-manifattur	

⁽¹⁾ Inkluża l-massa tal-mezz ta' gganċjar jekk il-vettura hija maħsuba sabiex tirmonka karra.

⁽¹⁾ Determinat skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Anness III lid-Direttiva 77/649/KEE

2. Riżultati tal-verifikazzjoni

(Jekk jingħata aktar minn valur wieħed fil-punti 2.8 u 2.9 tad-dokument ta' informazzjoni, ir-riżultati għandhom jiġu verifikati għal kull valur.)

Ir-riżultati huma kkunsidrati sodisfaċenti jekk:

- il-masses u tagħbijiet fuq il-vettura vojta (kolonna (a)) jikkorrispondu ma' dawk dikjarati mill-manifattur, b'tolleranza ta' $\pm 5\%$; (f'dan il-każ, il-valur tal-massa mistqarr mill-manifattur huwa adottat sabiex jiġu kkalkulati l-masses fil-kolonni (b) u (ċ)),
 - il-masses u tagħbijiet fuq il-fus verifikati skond il-kundizzjonijiet li saret riferenza għalihom fil-kolonni (b) u (ċ) ma jaqbżux il-masses massesmi permissibbli mistqarra mill-manifattur,
 - il-ħtiġiet stipulati fil-punti 3.2.1, ir-raba' paragrafu, ta' l-Anness II huma sodisfatti,
 - il-masses u tagħbijiet fuq il-fus mistqarra mill-manifattur huma kumpatibbli mal-karatteristiċi tat-tagħbija tat-tipi speċifikati għall-vettura bil-mutur b'kunsiderazzjoni għal kull limitazzjoni dikjarata ta' veloċità tal-vettura għall-vettura ta' rmonk kif imsemmi fil-punt 3.7.3 ta' l-Anness IV mad-Direttiva 92/23/KEE.
-